SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 07/K5/05

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 28/09/'05 196**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 28/09/'05 249**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2005.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.00 p.m.

1.03 Preżenti: Ħames membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Skużati: Il-Kunsillier Robert Camenzuli u l-Kunsilliera Irene Borg.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fil-23 ta' Settembru 2005. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Car Park – Pjazza Balluta
4. Aġġornament Proġett Ta' Ġiorni – t-tieni fażi
5. UDITE – Quality Award
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 6/K5/05 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 6/K5/05.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4** Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex iċ-Chairman jinforma lill-Kunsill dwar il-laqgħa li kellha ssir mar-rappreżentanti ta' l-Għaqda Sajjieda u Dilettanti Ġiljaniżi.

**1.7** Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**1.6** Iċ-Chairman Peter Bonello għarraf lill-Kunsill li fl-4.30 p.m. kellha ssir laqgħa mar-rappreżentanti ta' l-Għaqda Sajjieda u Dilettanti Ġiljaniżi. Iżda minkejja li l-Kunsillier David Borg kien informagħhom bil-laqgħa, kemm telefonikament kif ukoll bl-e-mail, ħadd minhom ma attenda.

**1.7** Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ta ċans biżżejjed lill-Għaqda, għalhekk il-Kunsill ser jieħu azzjoni u jitlob lill-Awtorita' Marittima biex tiġi provduta lista aġġornata tad-dgħajjes reġistrati u pjanta tal-post. Jekk l-Awtorita' Marittima ma tiprovdix il-pjanta, din tintalab biex issir mill-perit tal-Kunsill. Dan sabiex jkunu jistgħu jsiru 'bays' u jitħalla passaġġ liberu kemm fuq il-promenade kif ukoll għad-dħul fir-restoranti. F'dawn il-passaġġi għandu jitħalla spazju biżżejjed kemm għall-pubbliku kif ukoll għal min jagħmel użu mis-siġġu bir-roti inkluż prams / push chairs.

**1.8** Il-Kunsill lest li jikkopera kemm mas-sajjieda kif ukoll ma' l-istabbilimenti kummerċjali.

**1.9** Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li l-Ministru għas-Sajd lest li jiltaqa' mas-Sajjieda biex jiġu diskussi l-problemi li hemm fuq Xatt is-Sajjieda.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 3518 | Ittra mingħand Westlake Film LLC dwar donazzjoni li ngħatat lill-Kunsill. |
| 3562 | Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Malta Playing Fields rigward il-playing field fil-lokalita' ta' San Ġiljan. |
| 3826 | E-mail mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward ittra li ntbagħtet lill-Assoċjazzjoni tal-Malta Playing Fields. |

3589 Ittra mingħand l-iSmash Communications Ltd. rigward programm 'mill-Kunsill'.

3593 Ittra mingħand il-Kummissjoni Elettorali rigward talba li saret sabiex jinbidlu l-konfini ta' San Ġiljan.

3594 Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Garaxxijiet fi Triq Forrest dwar ir-responsabbilitajiet u spejjeż involuti.

3699 Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar rigward kjarifika fil-pagament tal-Proġett Ta' Ġiorni it-Tieni Fażi.

3834 & K836 Ittra mingħand it-Traffic Management Directorate rigward il-Mountable roundabout fi Triq Lapsi k/m Triq San Mark.

3945 E-mail mingħand il-Kunsillier is-Sur David Borg dwar Xatt is-Sajjieda.

K811 & 3954 Ittra li bagħat il-Kunsill lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u risposta tiegħu rigward is-sit tal-Proġett Kuridur Ekoloġiku Ta' Ġiorni.

3962 & K979 Ittra mingħand it-Traffic Management Directorate u r-risposta tagħna rigward linji sofor quddiem 'St. Elena, 145, 146 u 147, Triq il-Kbira.

3982 Ittra mingħand il-Wasteserv Malta Ltd rigward 'training job seekers to assist in the implementation of waste separation at source'.

4043 E-mail mingħand in-NHDJC rigward it-tender tal-'Maintenance and Installation of Street Lighting'.

4068 Ittra mingħand il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq rigward bdil ta' l-isem ta' Triq Mikelangelo Borg.

4075 Ittra mingħand G.M. Productions rigward preżentazzjoni ta' award lill-kompetitura minn San Ġiljan għal Miss Malta.

3719 & 4104 Ittri mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke rigward it-telgħa li mill-bajja ta' San Ġorġ tagħti għal Pembroke.

4130 Ittra mingħand il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija rigward id-daħla li hemm fi Triq il-Mensija.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 3562 u 2862

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Malta Playng Fields Association, l-e-mail mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u nġibdet l-attenzjoni għal minuti 6/K5/05 taqsima 2 paragrafu 2.02 . Ġie deċiż unanimament

li ma tintbagħatx l-ittra li l-Kunsill kien ser jibgħat lill-Malta Playing Fields Association b'rigward għall-Minuti 6/K5/05 u li l-Kunsill jistenna d-direttivi ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

2.03 Rif. Nru. 3589

B'riferenza għall-ittra mingħand l-iSmash Communications Ltd. rigward il-programm 'mill-Kunsill' ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ l-Kunsill jipparteċipa
- ✓ l-iSmash Communications Ltd jiġu ninfurmati biex qabel issir xi ntervista mas-Sindku l-Kunsill jiġi nnotifikat minn qabel sabiex jiġu nfurmati il-Kunsilliera kollha. Dan biex minn ikun irid ikun preżenti.

1.06 Rif. Nru. 3593

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kummissjoni Elettorali rigward talba li saret sabiex jinbidlu l-konfini ta' San Ġiljan ġie deċiż unanimament li kopja ta' l-ittra tintbagħat lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern sabiex tiġi kkunsidrata it-talba tal-Kunsill.

2.04 Ġie deċiż ukoll li ssir tabella fi Triq il-Kbira fl-inħawi tal-Baracuda Restaurant, sejjer lejn tas-Sliema, bin-numri tad-djar li jaqgħu taħt il-konfini ta' San Ġiljan. Dan minħabba li f'din l-inħawi qed ikun hemm problema meta jiġi biex jingħata servizz pubbliku.

1.08 Rif. Nru. 3594

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Garaxxijiet fi Triq Forrest dwar ir-responsabbilitajiet u spejjeż involuti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir il-pagament.

1.09 Rif. Nru. 3834

Saret riferenza għall-ittra mingħand it-Traffic Management Directorate rigward il-Mountable roundabout fi Triq Lapsi k/m Triq San Mark. Ġie deċiż unanimament li, minħabba li l-Kunsill jidhirlu li t-triq kif inhi hija perikoluża, tintbagħat ittra lit-Traffic Management Directorate sabiex il-Kunsill jiġi ggwidat biex jiġu evitati xi inċidenti.

1.10 Rif. Nru. 3945

B'riferenza għall-e-mail mingħand il-Kunsillier David Borg dwar Xatt is-Sajjieda, l-istess l-Kunsillier David Borg nforma lill-Kunsill li din l-ittra ntbagħatet wara konsultazzjoni mas-Sindku Peter Bonello u l-Kunsillier Richard Scicluna.

1.11 Rif. Nru. K811 u 3954

Saret riferenza għall-ittra li bagħat il-Kunsill lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u r-risposta tiegħu rigward is-sit tal-Proġett Kuridur Ekoloġiku Ta' Ġiorni. Ġie deċiż unanimament li qabel tintbagħat ir-risposta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali l-Kunsill jieħu parir legali mingħand l-Avukat Stefano Filletti.

1.12 Rif. Nru. 4043

B'riferenza għall-e-mail mingħand in-NHDJC rigward it-tender tal-'Maintenance and Installation of Street Lighting', il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li t-tender jingħata lill-Lighthouse Keepers Consortium.

1.13 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumitat Konġunt ta' L.E.S ma sab l-ebda oġġezzjoni li l-kuntratt tal-Cash in Transit jingħata lis-Security Services Malta Ltd.

1.14 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

2.13 Rif. Nru. 4075

B'riferenza għall-ittra mingħand G.M. Productions ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jipparteċipa fl-attivita' għal preżentazzjoni ta' award lill-kompetitura minn San Ġiljan għal Miss Malta.

2.14 Rif. Nri. 3719 u 4104

B'riferenza għall-ittri mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke rigward it-telgħa li mill-bajja ta' San Ġorġ tagħti għal Pembroke ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier David Borg jikkomunika mas-Sindku ta' Pembroke s-Sur Joe Zammit u jinforma lill-Kunsill.

**3. Car Park – Pjazza Balluta**

3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għal Minuti 04/K5/05 datati 28 ta' Ġunju taqsima 7 paragrafi 7.03 – 7.04 u nforma lill-Kunsill li l-MEPA għandha ammont konsiderevoli ta' flus li ġejjin mill-'Commutted Parking Scheme' għalhekk ser jindaka biex jara kif il-Kunsill jista' jagħmel użu minnhom u jekk jistgħux jintużaw ukoll biex ikopru l-ispejjeż professjonali ta' konsulenza.

3.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ l-Kunsill juża s-servizz tal-perit ta' l-MP & DC
- ✓ l-Perit jiġi nfurmat li l-Kunsill għandu l-ħsieb li jsir multi car park taħt il-Pjazza tal-Balluta
- ✓ l-Perit jiġi mitlub jagħti stima qabel jagħmel il-pjanti u jagħti l-konsulenza.

4. **Aġġornament Proġett Ta' Ġiorni – t-tieni fażi**

4.01 Saret riferenza għall-Minuti 04/K5/05 datati 28 ta' Ġunju 2005 taqsima 2 paragrafu 2.05 – 2.06. Il-Kunsill ġie ppreżentat b' ittra li rċieva mingħand il-Malta Football Association dwar l-**MFA Project Concerning the UEFA Jubilee Mini-Pitches** (Ara Appendiċi 'A').

4.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li kopja ta' l-ittra tal-Malta Football Association tintbagħat lill-M.P. & D.C. sabiex il-Kunsill jingħata l-pariri u jiġi ggwidat.

5. **UDITE – Quality Award**

5.01 Saret riferenza għall-Minuti 06/K5/05 datati 11 t'Awissu 2005 taqsima 2 paragrafu 2.06 rigwarg l-UDITE Quality Award (Ara Appendiċi 'B'). Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-President ta' l-ASKLM is-Sur Adrian Mifsud ġie nfurmat verbalment biex ikun preżenti għal din il-laqgħa.

5.02 Minħabba li s-Sur Adrian Mifsud baqa' m'attendix ġie deċiż unanimament li tinqabeż Item 5.

6. **Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

6.02 Il-Kunsillier David Borg ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

1.06 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.03 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsiru l-pagamenti tal-kontijiet li l-Kunsill jirċievi, u fejn huwa l-każ dan isir wara li l-kontijiet jiġu ċċertifikati mill-Contracts Manager.

7. **Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1903 sa 1913 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

1.07 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn 1903 sa 1913.

1.08 Il-Kunsillier David Borg issekondah.

1.09 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Materji Oħra

8.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

1.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

8.02 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill, li ġie avviċinat mis-Supretendent Bartholomew Mula sabiex, jekk il-Kunsill m'għandux xi oġġezzjonijiet, il-berġa li qedgħa fl-għassa titneħħa minn hemm u tiġi allokata f' Palazzo Spinola. Dan minħabba li l-post huwa żgħir u l-pubbliku mhuwiex moqdi sewwa peress li m'hemmx privatezza.

1.09 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

8.03 Ġie deċiż unanimament li l-*pleasure boats* u d-dgħajjes li m'għandhomx x'jaqsmu mas-sajd, ma jitħallewx jittellgħu fuq ix-Xatt is-Sajjieda b'eċċezzjoni tad-dgħajjes ta' l-OKI-KOKI minħabba li dan minn dejjem kien xogħolu.

8.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser isir trasferiment ta' madwar Lm30,000 mill-bank tal-BOV għall-HSBC biex jitħallsu l-pagamenti.

8.05 Ġie deċiż unanimament li:

- il-Perit Lino Cachia jiġi nfurmat bil-problema li hemm fil-board room.
- issir tabella tan-'No Entry except for Un/Loading' qabel tibda n-niżla fejn l-OKI-KOKI u n-naħa tal-monument LOVE.
- titneħħa l-cab stand li hemm faċċata ta' l-Għassa tal-Pulizija.
- niċċekjaw ma' l-ADT meta ser tibda fis-seħħ ir-Residents' Parking Scheme.
- jsir patching fil-Pjazza ta' Spinola.
- tintbagħat ittra lill-Kunsill Lokali Swieqi sabiex jikkunsidra li jsir puġġaman fit-taraġ li jagħti minn Triq il-Mensija għas-Swieqi, u tinġibed l-attenzjoni li l-Kunsill lest li jħallas parti mill-ispejjeż.

8.08 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fit-7.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |